MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 371/2009

**Rikors numru 371/09 GC**

**Fl-atti tal-mandat numru 176/09 JVA fl-ismijiet:-**

**Grezzju ID 236656(M) u Miriam ID 524750(M) konjugi Farrugia u b'nota tas-16 ta' Jannar 2007, Grezzju u Miriam konjugi Farrugia assumew l-atti ta' din il-kawza**

**vs**

**Carmelo u Frangesca Farrugia**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Carmelo u Frangesca konjugi Farrugia fejn gie premess:-

Illi dana huwa rikors ai termini tal-artiklu 283(A) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap 12, biex jigi attakkat l-att ezekuttiv imsemmi sabiex dana l-att jithassar ghal kollox.

Illi dana l-att qed jallega li dak li qed jitlob, il-hlas ta’ tlett mija u disa’ u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmu, (€349.41), ghandu titolu ezekuttiv ghalih u dana b’sentenza ta’ din il-Qorti tat-30 ta’ April 2004, u kif konfermata mill-Qorti tal-Appell tad-9 ta’ Marzu 2007.

Illi dana huwa kontestat mill-esponenti stante li dak li kien deciz kien spoll li kellu jitregga lura u kien jikkonsisti fi tnehhija ta’ hajt u tpoggija ta’ pipe.

Illi biex dan isehh kien hemm l-ordni tal-Qorti u l-inkarigu lill-Perit Godwin P. Abela biex jissorvelja x-xoghol.

Illi l-esponenti ezegwew dak kollu dirett lilhom mill-Perit tal-Qorti.
Illi r-rikorenti fil-mandat Grezzju Farrugia minkejja li l-Perit dderiga lill-esponenti biex il-Pipe jibqa’ mikxuf, ried jordmu u gahmel dan allegatament fi zmien hamest ijiem xoghol u bi spiza ta’ mija u hamsin lira maltin (Lm150) ekwivalenti ghal €349.41.

Illi dina l-ispiza giet dejjem kkontestata mil-esponenti u qatt ma tressaq lilhom kont tal-istess approvat mil-Perit Abela.

Illi qed jinghad li hija skond stima tal-Perit Godwin Abela skond Dok A, meta dana kull ma huwa allegatament relazzjoni tal-Perit Abela, bla firma, fejn jiddikjara biss dak li kien qallu l-attur Grezzju Farrugia.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda approvazzjoni tal-ammont pretiz mill-Perit Abela, ta’ xi haga li saret ferm wara s-sentenza tal-appell u ma jistghax ikun parti minnha.

Illi barra minn dan l-esponenti jirritjenu li dina l-pretensjoni tal-attur Grezzju Farrugia hija ferm ezagerata ghax kull ma kienet tinvolvi hija trinka fil-hamrija ta’ sitt pulzieri wiesgha, u tmin pulzieri fond ghal zewg metri u nofs, haga li kellha ssir bl-imghazqa fi ftit sieghat biex jindifen pipe ta’ tlett pulzieri.

Ghalhekk ir-rikorenti talbu li l-imsemmi att ezekuttiv jigi mhassar ghal kollox.

Rat ir-risposta ta’ Grezzju u Miriam konjugi Farrugia fejn gie sopttomess:-

**Preliminari**

Illi fl-ewwel lok, jigi sottomess li l-procedura biex jigi attakkat att ezekuttiv hija definita mill-artikolu 281 tal-Kapitolu 12.

Illi l-artikolu 281(3) jipprovdi:

“Il-qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smigh tal-partijiet, u kull xhieda li jidrilha xierqa, jekk tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta’ xahar mill-jum tal-prezentata.”

Illi x-xahar mill-prezentata ghadda fl-14 ta’ Mejju 2009 u konsegwentement dan il-mandat ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante li qieghed jinstema fuori termine kif ipprovdut mis-subartiklu gia citat.

Illi subordinatament, jigi sottomess li l-artikolu 281(1) jipprovdi li d-dokumenti kollha ghandhom jitressqu in sostenn tal-allegazzjonijiet li hemm maghmula u minkejja li qed issir riferenza, ghar-relazzjoni tal-Perit Abela, din ma gietx annessa.

**Fil-mertu**

Illi fil-mertu, jigi sottomess li din il-kawza si tratta di spoll u t-tielet talba tghid:

“fl-eventwalita’ li l-konvenuti jonqsu milli jesegwixxu dawna x-xogholijiet fi zmien lilhom prefiss, tawtorizza lill-atturi jesegwixxu huma stess a spejjez tal-konvenuti l-istess xogholijiet.”

Illi kif jista’ jigi kkonfermat mal-Perit Godwin Abela li inhatar mill-Qorti biex taht l-osservanza tieghu tigi ezegwita s-sentenza, il-konvenuti naqqsu milli jaghmlu x-xogholijiet fi zmien lilhom mghoti mill-qorti u dan permezz tax-xhieda tieghu fis-smiegh ta’ dan ir-rikors.

Illi l-attur gialadarba biex ir-relazzjoni tal-perit in segwitu ghall-inkarigu lilu mghoti, gie stabbilit li l-valur tax-xoghol maghmul mill-attur kien ta’ Lm150, ossija €349.41, isegwi li dawn ghandhom jithallsu minn Carmelo Farrugia.

Illi Carmelo Farrugia gie interpellat biex ihallas dan l-ammont u baqa’ inadempjenti.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, jigi ulterjorment sottomess li Carmelo Farrugia qieghed jikkontesta r-rizultanzi tar-relazzjoni tal-perit Godwin Abela li kkonluda li hemm is-somma ta Lm150 dovuta lil Grezzju Farrugia minghand il-konvenuti tax-xoghol li ghamel.

Illi permezz ta’ din il-procedura dak stabbilit fir-relazzjoni tal-perit ma jistax jigi kontestat u ghalhekk ir-rikorrenti f’dawn il-proceduri qieghed juza procedura skorretta u dan peress li hawn si tratta ta’ procedura biex tithassar l-ezekuzzjoni ta’ mandat u mhux kontestazzjoni ta’ rapport imhejji minn perit in segwitu ghall-ezekuzzjoni ta’ sentenza.

Ghalhekk, skond l-esponenti konjugi Farrugia, r-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghat lix-xhud John Farrugia prodott mir-rikorrenti.

Semghat lir-rikorrenti Frangesca Farrugia.

Semghat lill-Perit Godwin Abela imsejjah mir-rikorrenti.

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors gie differita sabiex jinghata l-provediment finali.

Ikkonsidrat:-

Hu indubbju li dak stabbilit bir-relazzjoni in kwestjoni tal-Perit Tekniku ma jistax jigi kontestat permezz tal-presenti proceduri u konsegwentement jista jinghad li r-rikorrenti, b'dawn il-proceduri u f'dan ir-rigward, qed jaghmlu uzu minn procedura skorretta u dan peress li hawnhekk il-proceduri jirreferu ghat-thassir ta' ezekuzzjoni ta' mandat u ghalhekk bil-presenti procedura ma tistax issir kontestazzjoni ghar-rapport imhejji mill-perit in segwitu ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza. Ioltre l-Perit Tekniku gie nminat appuntu biex jara li s-sentenza tigi esegwita fit-termini kollha taghha.

**Konsiderazzjonijiet fattwali**

Ir-rikorrenti Carmelo u Francesca konjugi Farrugia qed jitolbu bil-preżenti rikors it-tħassir tat-titolu eżekuttiv ta' Grezzju u Miriam Farrugia rigwardanti s-somma ta' tliet mija u disa' u erbgħin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€349.41) liema titolu jemani minn sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April 2004 kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 2007 (fol 14). F'din is-sentenza kien gie deciz li kien sehh spoll u kellu jitreġġa kollox lura fl-istat pristinu tieghu. F'dan ir-rigward gie ukoll ordnat li pipe li kien tqaccat mir-rikorrenti Carmelo u Francesca Farrugia

kellu jerġa jiġi reż funzjonanti. Gie ordnat li jekk l-imsemmija Carmelo u Frangesca Farrugia jonqsu li jesegwixxu x-xoghol in kwestjoni fiz-zmien lilhom prefiss, il-konjugi Grezzju u Miriam Farrugia gew awtorizzati li jaghmlu l-istess xogholijiet huma a spejjeż pero' tal-imsemmijin Carmelo u Francesca Farrugia u inoltre l-imsemmija xogholijiet kellhom jigu esegwiti taħt is-sorveljanza tal-Perit Godwin P Abela, li gie appuntu nominat ghal dan l-iskop.

Jirriżulta li in effettr ix-xogħol sar mill-konjugi Grezzju u Miriam Farrugia u biex gie esegwit ix-xoghol kien hemm spiza ta' tlett mija u disa' u erbgħin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€349.41).

Ir-rikorrenti fil-kawża odjerna jilmentaw illi l-pipe ġie mirdum meta l-Perit inkarikat kien idderiġa li l-istess pipe jibqa' mikxuf. Inoltre l-istess rikorrenti jissottomettu li huma qatt ma ngħatalhom kont u għalhekk l-istess rikorrenti jikkonkludu li ma kienx hemm approvazzjoni mill-perit tal-ammont in kwestjoni u pretiz mill-parti l-ohra. Inoltre r-rikorrenti jikkontestaw l-imsemmi ammont bhala esagerat.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Ir-rikorrenti Carmelo u Fracesca konjugi Farrugia permezz tal-presenti rikors qed jitolbu li jitħassar l-att eżekuttiv in kwestjoni. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-artikolu 283A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Jidher li din ir-referenza hi zbaljata u, in effett, din l-azzjoni qiegħda ssir ai termini tal-artikolu 281 tal-itess Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif, del resto osservaw korrettement ir-rispondenti Grezzju u Miriam konjugi Farrugia.

L-artikolu 281 jipprovdi li min jissubixxi att eżekuttiv jista' jitlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal raġuni valida skond il-liġi. Inoltre l-ligi tiddispopni li l-applikazzjoni relattiva ghandha tigi notifikata lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem,

għandha tippreżenta r-risposta taghha. Dejjem skond il-ligi r-rikors ghandu jigi deciz, wara li jinstemghu l-partijiet, mhux aktar tard minn xahar mill-preżentata tar-rikors bit-talba ghall-hrug tal-mandat esekuttiv. In effett ir-rispondenti Grazzju u Miriam Farrugia jeċepixxu preliminarjament illi dawn il-proceduri gew presentati meta kien gia' ghadda xahar mill-jum tal-preżentata tal-att esekuttiv u ghalhekk dawn l-istess proceduri qed jinsemghu "fuori termine" skond l-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 12.

Ir-rikors sabiex jinhareg il-mandat esekuttiv in kwestjoni (numru176/09) gie akkordat fit-3 ta' Frar 2009. Dawn il-proceduri gew intavolati fl-14 ta' April 2009 u kwindi wara li skada t-terminu ta' xahar li hu stipulat fl-imsemmi artikolu 281. Kwindi bl-ebda mod ma seta javvera dak li hu stipulat fl-istess artikolu li r-rikors ghar-revoka, anke in parte tal-mandat, ghandu jigi deciz fi zmien xahar mid-data tal-presentata. Jirrizulta li kien hemm xi diffikultajiet fir-rigward tan-notifika ta' dan ir-rikors lill-kontro-parti, li in effett giet notifikata wara l-hinijiet lagali.. Il-ligi ma ssemmix li fil-kaz li r-rikors sabiex jithassar mandat esekuttiv ma jgix deciz fl-imsemmi zmien li trid il-ligi hemm xi nullita'. Inoltre jidher li r-rispondenti jew l-intimati ghar-rikors ghamlu r-risposta taghhom u ghalhekk ma jidhirx li hemm xejn irregolari f'dawn il-proceduri. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li hemm xi ksur tal-artikolu 281. Kwindi l-ewwel eċċezzjoni timmerita li tigi respinta.

L-intimati jew ir-rispondenti jeċepixxu li ir-rikorrenti ma ippreżentawx id-dokumenti kollha u dana b'referenza għar-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC Godwin Abela. Din ir-relazzjoni, in effett, giet esibiti fil-kors ta' dawn il-proceduri (fol.40) u kwindi anke f'dan ir-rigward ma tirrixzultax xi tip ta' irregolarita'. Kwindi din l-eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda.

Fil-meritu jirrizulta li r-rikorrenti Carmelo u Francesca konjugi Farrugia permezz tas-sentenza in kwetjoni nghataw terminu biex jesegwixxu x-xogħolijiet kollha necessarji u inoltre l-Qorti, fin-nuqqas li jsiru l-istess xogholijiet, awtorizzat lill-kontro-parti, cioe' lill-Grezzju u

Miriam Farrugia, jesegwixxu huma stess ix-xogħolijiet a spejjeż tar-rikorrenti. Carmelo u Francesca Farrugia naqsu milli jagħmlu x-xogholijiet u kwindi x-xogħol sar minn Grezzju u Miriam Farrugia u l-valur tax-xogħolijiet kien ta' tliet mija u disa' u erbgħin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€349.41). Jirrizulta ghalhekk li il-konjugi Grezzju u Miriam Farrugia ghandon titolu esekuttiv biex jigbru l-imsemmi ammont in kwestjoni.

.

L-AIC Godwin Abela kien inħatar mill-Qorti sabiex jara li tiġi eżegwita s-sentenza u l-istess perit kellu jissorvelja x-xogholijiet relattivi. Mir-rapport tal-imsemmi Perit Tekniku (fol.40) jirrizulta li x-xogholijiet relattvi sabiex jigi midfun il-pipe tal-ilma saru mill-konjugi Grezzju u Miriam Farrugia wara li gew debitament awtorizzati biex jaghmlu l-istess xogholijiet mill-imsemmi Perit Tekniku, li ukoll iccertifika li l-ispiza sabiex sar dan ix-xoghol kienet appuntu ta'€349.41. Il-Perit Tekniku ukoll ikkonferma li l-pipe kellu jintradam peress li l-istess pipe kien jinsab f'passagg. Lanqas ma jirrizulta li l-ispiza in kwestjoni kienet esagerata.

Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza taghha tat-28 ta' Lulju 2011 fil-kawza fl-ismijiet "Mario Micallef vs Angela Micallef" irriteniet li l-ghan li ghalih iddahhal l-artikolu in kwestjoni, cioe' l-artikolu 281 tal-Kap.12, hu marbut ma xi nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li jista jkun ta' pregudizzju ghall-intimat ezekutat. L-istess Qorti tkompli tghid li - "jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, il-Qorti ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. Illi effettivament l-Artikolu 281 jaghmilha cara illi r-rimedju moghti lir-rikorrent f'kazijiet bhal dawk odjerni jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi li ligi ohra."

Fid-dawl ta dak kollu li gie premess l-eccezzjoni fil-meritu tar-rispondenti ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeiedi billi fl-ewwel lok tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati u billi fit-tieni tilqa' it-tielet eċċezzjoni fil-meritu tal-intimati Grezzju u Miriam Farrugia u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Carmelo u Frangesca Farrugia bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------